DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/682

tas-26 ta' April 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/715 fir-rigward ta' frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina

(notifikata bid-dokument C(2021) 2744)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/715 ([2]) tistabbilixxi miżuri fir-rigward tal-frott tas-*Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, għajr il-frott tas-*Citrus aurantium* L. u tas-*Citrus latifolia* Tanaka ("il-frott speċifikat"), li joriġina mill-Arġentina, mill-Brażil, mill-Afrika t'Isfel jew mill-Urugwaj, biex jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa.

(2) Fl-2020, l-Istati Membri, abbażi tal-ispezzjonijiet tal-importazzjonijiet tagħhom, innotifikaw total ta' 90 interċettazzjoni tal-*Phyllosticta citricarpa* fuq il-frott tas-*Citrus limon* (L.) N. Burm.f. u tas-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck li joriġina mill-Arġentina. Dak l-għadd bla preċedent ta' nuqqasijiet ta' konformità jixħet dubju fuq l-affidabbiltà tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Arġentina.

(3) B'riżultat ta' dan, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1199 ([3]), li jipprojbixxi l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tas-*Citrus limon* (L.) N. Burm.f. u tas-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck li joriġinaw mill-Arġentina sat-30 ta' April 2021.

(4) Waqt awditu mwettaq fi Frar 2021, l-Arġentina pprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar ir-raġunijiet għall-falliment tas-sistema tagħha ta' ċertifikazzjoni tal-esportazzjonijiet taċ-ċitru fl-istaġun tal-esportazzjoni tal-2020, u dwar l-azzjonijiet tagħha biex tirrinforzaha għall-istaġun tat-tkabbir u tal-esportazzjoni tal-2021.

(5) Minħabba li l-Arġentina ħadet azzjonijiet biex tirrinforza s-sistema tagħha, azzjonijiet li ġew ikkomunikati matul l-awditu, il-projbizzjoni temporanja tal-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tas-*Citrus limon* (L.) N. Burm.f. u tas-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck li joriġinaw mill-Arġentina jenħtieġ li ma tiġix estiża. Fl-istess ħin, billi l-Arġentina għadha ma implimentatx bis-sħiħ dawk l-azzjonijiet kollha matul l-istaġun tat-tkabbir u tal-esportazzjoni, dawn jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni għall-istaġuni futuri, u r-riskju tal-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-*Phyllosticta citricarpa* mill-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina għadu ma jistax jiġi vvalutat bis-sħiħ. Konsegwentement, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri dettaljati u bbażati fuq ir-riskju għall-introduzzjoni tal-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina fit-territorju tal-Unjoni.

(6) Tali miżuri jenħtieġ li jikkonsistu fir-rekwiżit li l-għelieqi ta' produzzjoni, u tal-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom, fl-Arġentina fejn jiġi prodott il-frott speċifikat, jiġu rreġistrati, li jiġu assenjati kodiċijiet uniċi ta' identifikazzjoni ("kodiċijiet ta' traċċabbiltà") lil dawk l-għelieqi ta' produzzjoni u l-unitajiet ta' produzzjoni, fi spezzjonijiet uffiċjali biex jiġi kkonfermat li ma jkunx hemm il-*Phyllosticta citricarpa* f'dawk l-għelieqi ta' produzzjoni u l-unitajiet ta' produzzjoni, li jkun hemm aktar metodi ta' kampjunar u tiġi kkomunikata minn qabel il-lista ta' għelieqi approvati ta' produzzjoni bl-unitajiet approvati ta' produzzjoni tagħhom biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/715 tal-11 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi miżuri fir-rigward ta' ċertu frott f'xi pajjiżi terzi biex jipprevjenu l-introduzzjoni fl-Unjoni u t-tixrid tal-organiżmu ta' ħsara *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa (ĠU L 125, 13.5.2016, p. 16).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1199 tat-13 ta' Awwissu 2020 li jemenda l-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 ħalli ssir projbizzjoni temporanja fuq l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċertu frott li joriġina mill-Arġentina ħalli jkunu evitati l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa (ĠU L 267, 14.8.2020, p. 3).

(7) Tali miżuri jenħtieġ li jqisu wkoll ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni, matul l-istaġun tal-esportazzjoni tas-sena rispettiva, u jenħtieġ li jippermettu l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-frott speċifikat biss meta dan joriġina f'unità ta' produzzjoni fejn ma jkunx instab il-*Phyllosticta citricarpa* abbażi ta' dawk il-kontrolli uffiċjali. Tali miżura tkun konformi mal-prattika stabbilita tal-Arġentina, li infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni li tissospendi kull unità ta' produzzjoni fejn il-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa* fuq il-frott speċifikat hija kkonfermata abbażi tal-kontrolli mwettqa fil-punti tad-dħul fl-Unjoni.

(8) Jenħtieġ li l-miżuri jqisu wkoll ir-riżultati tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-Arġentina fl-unitajiet approvati ta' produzzjoni li jappartjenu għall-istess għalqa ta' produzzjoni bħall-unità ta' produzzjoni fejn il-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa* tkun ġiet ikkonfermata waqt spezzjonijiet imwettqa mill-Arġentina fil-faċilitajiet ta' ppakkjar, u qabel l-esportazzjoni, kif ukoll waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni. L-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-frott speċifikat li joriġina minn dawk l-unitajiet ta' produzzjoni jenħtieġ li tiġi permessa biss wara li dawk l-investigazzjonijiet ikunu finalizzati u ma jkunx instab il-*Phyllosticta citricarpa*. Tali miżuri se jkunu konformi mal-prattika stabbilita tal-Arġentina, li infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni li , bħala miżura preventiva, tissospendi l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-frott speċifikat li joriġina mill-unitajiet approvati ta' produzzjoni li jappartjenu għall-istess għalqa ta' produzzjoni bħall-unità ta' produzzjoni fejn il-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa* fuq il-frott speċifikat tkun ġiet ikkonfermata abbażi ta' spezzjonijiet li tkun wettqet fil-faċilitajiet ta' ppakkjar, u qabel l-esportazzjoni, u abbażi tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-punti tad-dħul fl-Unjoni, u li twettaq investigazzjonijiet f'dawk l-unitajiet ta' produzzjoni u tippermetti li jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet minn dawn l-unitajiet biss meta jkunu kkonfermaw in-nuqqas tal-*Phyllosticta citricarpa*.

(9) Jenħtieġ li l-miżuri jqisu wkoll ir-riżultati tal-ispezzjonijiet mwettqa fl-Arġentina u r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni matul l-istaġun preċedenti tat-tkabbir u tal-esportazzjoni u jippermettu l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-frott speċifikat li joriġina fl-unitajiet ta' produzzjoni fejn ma jkunx instab il-*Phyllosticta citricarpa* matul dak l-istaġun preċedenti tat-tkabbir u tal-esportazzjoni. Tali miżuri huma mistennija li jkunu effettivi, peress li l-Arġentina infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni li tissospendi unità ta' produzzjoni, meta matul l-istaġun preċedenti tat-tkabbir u tal-esportazzjoni l-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa* fuq il-frott speċifikat li ġej minnha tkun ġiet ikkonfermata fil-kontrolli mwettqa fil-punti tad-dħul fl-Unjoni.

(10) Sabiex jiġi identifikat is-sors tal-frott speċifikat infettat, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-kodiċi ta' traċċabbiltà tal-unità ta' produzzjoni meta jinnotifikaw in-nuqqasijiet ta' konformità rispettivi.

(11) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti tal-Arġentina jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tibda tapplika mill-1 ta' Mejju 2021.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/715

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/715 hija emendata kif ġej:

(a) L-Artikolu 5a huwa emendat kif ġej:

(i) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Introduzzjoni fl-Unjoni ta' frott speċifikat li joriġina mill-Brażil**";

(ii) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-frott speċifikat li joriġina mill-Brażil għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat fitosanitarju, li taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali" għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:";

(b) jiddaħħal l-Artikolu 5(b) li ġej:

"*Artikolu 5b*

Introduzzjoni fl-Unjoni ta' frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina

1. Il-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina għandu jiġi introdott fl-Unjoni biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-frott speċifikat ikun ġie prodott f'għelieqi ta' produzzjoni, li jikkonsistu f'unità ta' produzzjoni waħda jew aktar, li jkunu ġew identifikati bħala partijiet uniċi u fiżikament distinti ta' għalqa ta' produzzjoni, u kemm l-għalqa ta' produzzjoni kif ukoll l-unitajiet ta' produzzjoni tagħha jkunu ġew approvati uffiċjalment mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-Arġentina għall-iskop ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni;

(b) l-għelieqi approvati ta' produzzjoni u l-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom ikunu ġew irreġistrati mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-Arġentina taħt kodiċijiet uniċi ta' identifikazzjoni rispettivi ("kodiċijiet ta' traċċabbiltà");

(c) il-frott speċifikat ikun ġie prodott f'unità approvata ta' produzzjoni, li tkun għaddiet minn trattamenti u miżuri kulturali, effettivi kontra l-*Phyllosticta citricarpa*, f'ħin xieraq sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet ivverifikata taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-Arġentina;

(d) ikunu twettqu spezzjonijiet uffiċjali, li jikkonsistu f'osservazzjonijiet viżwali u, jekk jinstabu sintomi, teħid ta' kampjuni biex jitwettaq test għall-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa*, fl-unitajiet approvati ta' produzzjoni matul l-istaġun tat-tkabbir, u l-ebda sintomu tal-*Phyllosticta citricarpa* ma jkun instab fil-frott speċifikat sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni;

(e) ikun ittieħed kampjun:

(i) mal-wasla fil-faċilitajiet ta' ppakkjar, qabel l-ipproċessar, ta' 200-400 frotta għal kull lott ta' frott speċifikat, definit mal-wasla fil-faċilità ta' ppakkjar;

(ii) tul il-linja bejn il-wasla u l-ippakkjar fil-faċilitajiet ta' ppakkjar, ta' mill-inqas 1 % għal kull lott ta' frott speċifikat definit fil-linja tal-ippakkjar;

(iii) qabel it-tluq mill-faċilità ta' ppakkjar, ta' mill-inqas 1 % għal kull lott ta' frott speċifikat, definit wara l-ippakkjar;

(iv) qabel l-esportazzjoni, bħala parti mill-ispezzjoni uffiċjali finali biex jinħareġ iċ-ċertifikat fitosanitarju, ta' mill-inqas 1 % għal kull lott ta' frott speċifikat ippreparat għall-esportazzjoni;

(f) il-frott speċifikat kollu msemmi fil-punt (e) ikun itteħidlu kampjun, se fejn ikun possibbli, abbażi ta' kwalunkwe sintomu apparenti tal-*Phyllosticta citricarpa*, u l-frott kollu li jkun ittieħed kampjun minnu msemmi fil-punt (e)(i) ikun instab ħieles mill-*Phyllosticta citricarpa* abbażi ta' spezzjonijiet viżwali, filwaqt li l-frott kollu li jkun ittieħed kampjun minnu msemmi fil-punti (e)(ii), (iii) u (iv) li jkun wera sintomi tal-*Phyllosticta citricarpa*, ikun ġie ttestjat u nstab li huwa ħieles mill-*Phyllosticta citricarpa*;

(g) il-frott speċifikat ikun ġie ttrasportat f'pakketti li kull wieħed minnhom ikollu tikketta bil-kodiċi ta' traċċabbiltà tal-unità ta' produzzjoni li minnha joriġina;

(h) qabel jibda l-istaġun tal-esportazzjoni tal-frott speċifikat, l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-Arġentina tkun ikkomunikat lill-Kummissjoni l-lista ta' unitajiet approvati ta' produzzjoni għal kull għalqa ta' produzzjoni, kif ukoll l-ismijiet tal-operaturi professjonisti responsabbli għal kull għalqa approvata ta' produzzjoni, u jkun ġie kkomunikat minnufih lill-Kummissjoni kwalunkwe aġġornament ieħor relatat mal-bidliet f'dik il-lista, inkluż ir-raġuni għal dawk il-bidliet;

(i) il-frott speċifikat ikun akkumpanjat minn ċertifikat fitosanitarju, li jinkludi l-għadd ta' pakketti minn kull unità ta' produzzjoni u, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", il-kodiċijiet ta' traċċabbiltà rilevanti u d-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-kunsinna tikkonforma mal-Artikolu 5b tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/715".

2. Minbarra il-paragrafu 1, il-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina għandu jiġi introdott fl-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun joriġina minn unità approvata ta' produzzjoni fejn ma jkunx instab il-*Phyllosticta citricarpa* fuq il-frott speċifikat matul l-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa fl-Arġentina fl-unitajiet approvati ta' produzzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d) jew fuq il-frott speċifikat kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (e) u matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni matul l-istaġun tat-tkabbir u tal-esportazzjoni;

(b) ikun joriġina minn unitajiet approvati ta' produzzjoni fejn ma jkunx instab il-*Phyllosticta citricarpa* matul l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Arġentina wara li l-preżenza tal-*Phyllosticta citricarpa* tkun ġiet ikkonfermata f'unità ta' produzzjoni li tappartjeni għall-istess għalqa ta' produzzjoni bħal dawk l-unitajiet ta' produzzjoni, matul l-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa fl-Arġentina fuq il-frott speċifikat kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (e) jew matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni matul l-istaġun tat-tkabbir u tal-esportazzjoni;

(c) ikun joriġina minn unitajiet ta' produzzjoni fejn il-*Phyllosticta citricarpa* ma nstabx matul l-istaġun preċedenti tat-tkabbir u tal-esportazzjoni, matul spezzjonijiet uffiċjali imwettqa fl-Arġentina, jew matul kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fl-Unjoni.";

(c) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fil-każ tal-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw in-nuqqasijiet ta' konformità nnotifikati rispettivi bħala riżultat tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq kunsinni fil-punti tad-dħul fl-Unjoni u l-lista aġġornata msemmija fl-Artikolu 5b, il-paragrafu 1, il-punt (h), biex jidentifikaw l-unitajiet ta' produzzjoni msemmija fl-Artikolu 5b, il-paragrafu 2, il-punti (a) u (b).";

(d) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità tal-frott speċifikat li joriġina mill-Arġentina mal-Artikolu 5b, fin-notifika tan-nuqqasijiet ta' konformità l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kodiċi ta' traċċabbiltà tal-unità ta' produzzjoni rispettiva msemmi fl-Artikolu 5b(1)(b)."

Artikolu 2

Data ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2021.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni